MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 72/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Claude Paris**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Claude Paris talli fl-14 ta’ Dicembru 2005 u fix-xhur ta’ qabel mexxa jew opera jew halla li tigi operata jew titmexxa attivita` turistika (Stabbiliment li jipprovdi l-ikel) La Vita De La Vallette, 18 Pinto Wharf, Valletta Waterfront, Valletta, minghajr ma kellu licenza mahruga ghalhekk mill-Awtorita` tat-Turizmu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Frar 2008, li permezz

taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Claude Paris hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li tisma’ l-provi dwar il-kaz, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghax l-appellat stess ammetta li kien qieghed jopera l-istabbiliment minghajr licenza mill-Awtorita` tat-Turizmu; (2) L-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi peress illi l-ligi tirreferi ghal “kull” persuna li ma jkollhiex licenza (art. 43(1)(a) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta) u tipprovdi li “hadd” ma jista’ jopera stabbiliment ta’ l-ikel minghajr licenza (reg. 3(1) ta’ l-Avviz Legali 175/2004), u ghalhekk kellha ssib htija.

Ix-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti tista’ tigi riassunta kif gej.

**Andre` Zammit** xehed li huwa *assistant manager* fil-*Quality Assurance Directorate* tal-*Malta Tourism Authority*. Fit-13 ta’ Lulju 2005 nizlu l-Valletta Waterfront ghax kienu nfethu xi stabbilimenti ta’ l-ikel u, mill-informazzjoni li kellhom, dawn ma kellhomx licenzi izda kellhom applikazzjoni mal-*Catering Establishment*. Sabu li l-istabbiliment “La Vita de la Vallette” kien qieghed jopera. L-operaturi kienu Claude Paris u Claire Xuereb f’isem il-kumpanija taghhom C & C Caterers. Tkellmu maghhom dwar il-htiega ta’ licenza qabel ma jibdew joperaw u dwar l-i*standards* rikjesti u minn hemm bdew process ta’

rapport bejn l-Awtorita` u l-operaturi. L-operaturi kienu krew il-post minghand il-VISET, kif gie anke kkonfermat ma' Karl Azzopardi tal-VISET. Sakemm harrku lill-appellat saru sitt spezzjonijiet u nghatat assistenza minhabba diversi htigiet li kellhom jikkonformaw ruhhom maghhom qabel ma tinhareg il-licenza, ez. l-i*swirl services* u l-i*storage*. L-appellat ikkoopera izda kien hemm certi problemi teknici li bdew izommuh milli jgib il-licenzja. Ix-xhud qal li nizzlu lil tal-*Food & Safety Unit* u sabu problema fil-*cold room* fejn kien hemm il-bieb hazin u geghluh ibiddel il-*cold room* kompletament. Hemmhekk inqalghet problema teknika ohra u z-zmien dejjem ghaddej. Kemm tal-VISET kif ukoll l-appellat kienu *"aware"* li l-hanut kien qieghed jigi operat bla licenza. In kontro-ezami qal li llum hemm licenzja f'isem il-VISET. Inizjalment kienet harget fuq Chris Falzon [ghall-VISET].

**Dott. Michael Camilleri**, in rapprezentanza tal-*Malta Tourism Authority*, xehed li l-licenza nharget b'effett mis-16 ta' Novembru 2006 u hi f'isem Christopher Paris ghall-VISET Malta plc.

**L-appellat Claude Paris** xehed li l-kuntratt mal-VISET kien jistipula li l-licenza tohrog fuq l-operatur minghand min qieghed jikri, cioe` l-VISET. Wara li marru l-ispetturi ta' l-Awtorita`, huwa avvicina lil tal-VISET li qalulu: *"We are aware of the problem and we are working on it."* Dwar l-i*storage* u l-i*swirl room* hu ma kellux kontroll fuqhom ghax huma affarijiet li kellhom jaghmlu l-VISET. Fil-kuntratt kien marbut li jiftah f'data partikolari altrimenti jehel penali sostanzjali kuljum. L-isem u l-indirizz tal-post huwa vault 18, La Vita de La Vallette, Valletta Waterfront. In kontro-ezami qal li hu sid il-kumpanija li kriet il-vault 18 u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li l-VISET tipprovdi l-licenza. Sallum il-licenza mhijiex fuqu izda fuq il-VISET. Kull ma jircievi hu l-kont. Meta marru jkellmuh l-ispetturi gabuh konxju tal-fatt li kien hemm xi irregolaritajiet min-naha tal-VISET fuq il-licenza. Il-licenza, sostna l-appellat, suppost kienet hemm *"from day one"* meta giet imposta fuqu l-kondizzjoni li jibda jopera.

Minn dan jidher mhux kontestat il-fatt li l-istabbiliment in kwistjoni, fiz-zmien imsemmi fic-citazzjoni, kien qieghed jigi operat minghajr licenza. L-appellat jiddikjara li hu l-proprjetarju tal-kumpanija li kienet qed tmexxi l-imsemmi stabbiliment. Issa, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, il-ligi stess tipprovdi ghar-responsabbilta\` kriminali ta' "kull min" imexxi stabbiliment ta' l-ikel minghajr ma jkollu licenza. Hekk l-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 jipprovdi li **"<u>Kull min</u> – minghajr ma jkollu licenza, <u>imexxi xi attivita\` turistika</u> jew jippermetti li xi attivita\` turistika titmexxa minn jew fi proprjeta\` li taghha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita\` li kieku kellu licenza valida … ikun hati ta' reat"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Barra minn hekk ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 175/2004 jipprovdi: **"<u>Hadd</u> ma jista' jopera jew ihalli li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel kemm-il darba huwa ma jkunx applika qabel u gab il-licenza mehtiega mill-Awtorita\`"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-istabbiliment La Vita De La Vallette kien qieghed jitmexxa minn Claude Paris f'isem is-socjeta\` C & C Caterers minghajr licenza u dan bi ksur tal-ligi. Il-fatt li r-responsabbilta\` ghall-hrug tal-licenza jidher li kienet tal-VISET – u, kif intqal mix-xhieda, hekk sussegwentement inharget – ma tezimix lill-appellat (u kjarament l-anqas lill-VISET) mir-responsabbilta\` kriminali peress illi hu kien qieghed imexxi l-istabbiliment imsemmi. Dan il-fatt pero\`, marbut ukoll mal-kondizzjoni li kellu l-appellat fil-kuntratt ta' kiri li kellu jiftah l-istabbiliment sa certa data altrimenti jibda jinkorri penali sostanzjali *per diem*, huma ragunijiet specjali u straordinarji li jwasslu lil din il-Qorti tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali sabiex tinzel taht il-piena minima preskritta mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 175/2004 u l-

artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal multa ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------